MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2006

Rikors Numru. 6/2004/1

Rikors Nru: 6/2004

Mary Cassar

vs

Direttur ta' l-Artijiet

Il-Bord,

Ra l-att gudizzjarju ta' l-intimat ipprezentat fis-26 ta' Mejju 2004 fejn espona illi:

Bil-prezenti att gudizzjarju illi qieghed jintbaghat ghall-finijiet u l-effetti tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), id-Direttur ta' l-Artijiet qieghed jirreferik ghall-Avviz tal-Gvern Numru 262 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghal-ghaxra (10) ta' Marzu, 2004 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond kummercjali "Lord

Clothing" fi Triq Mannarino, Birkirkara ghal liema fond l-awtorita' kompetenti qieghda toffri l-kumpens ta' sbatax-il elf u sitt mitt lira Maltin (Lm17,600) skond estratt ta' l-istima li hemm imsemmija fl-Avviz numru 262 liema stima saret mill-perit arkitett Fred H Valentino A&CE.

Id-Direttur ta' l-Artijiet qieghed jinfurmak ukoll illi abbazi tal-parir legali tal-Avukat Edward Debono, huwa soddisfatt illi inti kellek titolu illi jaghtik dritt illi tircievi l-kumpens fuq imsemmi.

Illi ghaldaqstant id-Direttur ta' l-Artijiet qieghed javzak illi inti ghandek wiehed u ghoxrin gurnata (21) minn notifika ta' dan l-att gudizzjarju sabiex, jekk hekk jidhirlek, tikkontesta l-ammont ta' kumpens offrut fl-imsemmi Avviz numru 262.

Fil-kaz li tiddeciedi li tikkontesta l-kumpens, il-kontestazzjoni ghandha ssir permezz ta' rikors li jrid jigi pprezentat fir-Registru tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet li fih tindika l-ammont illi qieghed tippretendi bhala kumpens ghall-fond fuq imsemmi u dan skond ma huwa mehtieg bl-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta).
Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tieghek tal-kumpens offrut kif fuq imfisser, il-kumpens offrut jitqies li qieghed jigi accettat minnek bhala l-valur gust tal-fond esproprijat ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Ra r-rikors tar-rikorrenti Mary Cassar ipprezentat fit-3 ta' Gunju, 2004 fejn esponiet:

Illi hija proprjetarja tas-sid fejn qabel kien hemm il-fond kummercjali Lord Clothing fi Triq Mannarino, Birkirkara liema fond gie mehud mid-Direttur ta' l-Artijiet skond Avviz numru 262 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu, 2004 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank.

Illi l-kumpens stabbilit mill-Perit Frederick Valentino kellu jammont ghal LM17,600.

Illi l-kumpens indikat mid-Direttur ta' l-Artijiet huwa mhux gust u ekwu stante illi skond zewg stimi li r-rikorrenti ghandha f'idejha in konnessjoni mal-fond imsemmi skond pjanta hawn annessa u mahruga mill-Perit David Pace u mill-Perit Lawrence Montebello jammontaw ghal Lm35,000 u Lm36,000 rispettivament hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti A u B u dan fi zmien Gunju 2000.

Illi l-valur ta' dan il-fond kummercjali kbir fi triq principali gewwa Birkirkara fl-10 ta' Marzu, 2004 meta hareg dan l-avviz ghall-kumpens ghax-xiri assolut tal-fond in kwistjoni ghandu jkollu valur ta' mill-inqas Lm60,000 oltre l-imghaxijiet legali.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord jiffissa l-kumpens dovut lilha ghat-theddid forzat ta' xiri assolut tal-fond Lord Clothing, Mannarino Road, Birkirkara fl-ammont ta' Lm60,000 otlre l-imghax legali u dan a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht kull ordni u direttiva kif mehtiega skond il-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra r-risposta ta' l-intimat ipprezentata fis-16 ta' Gunju, 2004 fejn espona:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors iddatat 3 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonat ghall-valur offrut lilu mill-Gvern ta' sbatax-il elf u sitt mitt lira (Lm17,600) u qieghda titlob l-ammont ta' sittin elf Lira Maltija (Lm60,000) bhala l-kumpens gust ghall-esproprijazzjoni tal-fond "Lord Clothing" fi Triq Mannarino, Birkirkara.

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni illi l-valur gust ta' l-art huwa dak ta' sbatax-il elf u sitt mitt lira (Lm17,600) bhala l-kumpens xieraq illi ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-esproprijazzjoni tal-fond gewwa Birkirkara.
Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-intimati.

Ikkunsidra:

1. Dawn il-proceduri huma dwar ix-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond kummercjali “Lord Clothing” fi Triq Mannarino, Birkirkara.

2. Ra l-affidavit ta’ Mary Cassar u x-xhieda moghtija mill-periti taz-zewg nahat.

3. Ra d-digriet tieghu tat-8 ta’ Novembru 2004 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Jaccarini u l-AIC Renato La Ferla.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti.

4. Il-Bord jaghmilha cara ghall-ahhar darba li hu mhux responsabbli ghall-hatra ta’ periti skond l-artikolu 23(4) tal-Kap 88. Il-hatra hi f’idejn il-President ta’ Malta u l-Bord jittama li l-kitba li saret u l-kliem li nghad ma kienx dirett lejn il-bniedem li ghandu l-ghola kariga fil-pajjiz. L-interessi tal-partijiet huma haga imma l-piki huma haga ohra.

5. Id-Direttur ta’ l-Artijiet qed joffri kumpens ta’ Lm17,600. Il-parti l-ohra li hatret zewg periti qed titlob LM35,000 u Lm36,000 (ara verbal tal-24 ta’ Mejju 2006).

6. Il-periti wara li zammu access u taw deskrizzjoni dettaljata tal-fond waslu ghall-figura ta’ Lm21,463.

Ghalhekk il-Bord wara li ra l-provvedimenti tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta jordna t-trasferiment tal-fond kummercjali “Lord Clothing” fi Triq Mannarino, Birkirkara favur id-Direttur ta’ l-Artijiet, bhala liberu u frank bil-kumpens ta’ Lm21,463; Jordna li l-att jigi ppubblikat minn Nutar Vincent Miceli bhala n-Nutar tad-Direttur ta’ l-Artijiet jew lin-Nutar li jkun qed jaghmilha minn floku nhar id-29 ta’ Novembru 2006 fid-9:30a.m. fl-ufficcju tad-Direttur ta’ l-

Artijiet; jahtar lill-Avukat Dottor Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghal kontumaci; L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompententi u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------